

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Jannar 2013 — Welte — Wenu vs UASI — Il-Kummissjoni (EUROPEAN DRIVESHAFT SERVICES)

(Kawża T-413/11) ⁽¹⁾

("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Trade mark Komunitarja figurattiva EUROPEAN DRIVESHAFT SERVICES — Raġuni assoluta għal rifjut — Imitazzjoni tal-emblema ta' organizzazzjoni internazzjonali intergovernattiva — Artikolu 7(1)(h) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Artikolu 6b tal-Konvenzjoni ta' Pariġi — Kontenut tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Ammissibilità ta' elementi ġodda — Artikolu 56(2) u Artikolu 76 tar-Regolament Nru 207/2009 — Regola 37(b), (iv) tar-Regolament (KE) Nru 2868/95 — Kompetenza tal-Bord tal-Appell fil-każ ta' appell limitat għal parti mid-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni")

(2013/C 55/17)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Welte-Wenu GmbH (Neu-Ulm, il-Ġermanja) (rappreżentant: T. Kahl, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: G. Schneider, aġent)

Partijiet oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Samnadda u F.W. Bulst, aġenti)

Suġġett

Rikors kontra d-Deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tat-12 ta' Mejju 2011 (Każ R 1590/2010-1), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn il-Kummissjoni Ewropea u Welte-Wenu GmbH.

Dispożittiv

- (1) Il-punt 3 tad-dispożittiv tad-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) tat-12 ta' Mejju 2011 (Każ R 1590/2010-1), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn il-Kummissjoni Ewropea u Welte-Wenu GmbH, hija annullata, sa fejn hija tindika li Welte-Wenu għandha tbat i-ispejjeż tal-proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità u tinkludihom fis-somma globali ta' EUR 2 500 li Welte-Wenu għandha tirrimborsa lill-Kummissjoni Ewropea.
- (2) Il-kumpliment tar-rikors huwa miċħud.
- (3) Welte-Wenu għandha tbat i-ispejjeż tagħha, kif ukoll dawk tal-UASI. Il-Kummissjoni għandha tbat i-ispejjeż tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 298, 08.10.2011.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Jannar 2013 — Gigabyte Technology vs UASI — Haskins (Gigabyte)

(Kawża T-451/11) ⁽¹⁾

("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali Gigabyte — Trade mark Komunitarja verbali preċedenti GIGABITER — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009")

(2013/C 55/18)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Gigabyte Technology Co., Ltd (Tajpei, Tajwan) (rappreżentant: F. Schwerbrock, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: P. Bullock, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: Robert A. Haskins (Quakertown, Pennsylvania, l-Istati Uniti)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tal-20 ta' Mejju 2011 (Każ R 2047/2010-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Robert A. Haskins u Gigabyte Technology Co., Ltd.

Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) Gigabyte Technology Co., Ltd hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 298, 08.10.2011.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Jannar 2013 — Spectrum Brands (UK) vs UASI — Philips (STEAM GLIDE)

(Kawża T-544/11) ⁽¹⁾

("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Trade mark Komunitarja verbali STEAM GLIDE — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009")

(2013/C 55/19)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Spectrum Brands (UK) Ltd (Manchester, ir-Renju Unit) (rappreżentant: S. Malynicz, avukat)